MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 30/2008

**Edmond Barbara (ID 458139 M).**

**vs.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud u Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Edmond Barbara datat 4 ta’ Gunju 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti huwa importatur u *retailer* ta’ strumenti muzikali u ssottometta applikazzjoni ghall-hlas lura tat-taxxa tas-Sisa fuq hazniet kummercjali lid-Dipartiment tal-VAT ghall-ammont ta’ Lm31,605.

Illi fit-28 ta' Frar 2000 id-Dipartiment avza lill-esponenti li t-talba tieghu ma kinitx ser tigi milqugha ghar-raguni li t-tibdil fil-prezzijiet ma kienx *commensurate* mar-rifuzjoni mitluba u ghalhekk l-esponenti ssottometta appell fid-9 ta' Marzu 2000 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Illi b'sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tat-2 ta' Lulju 2002 il-Bord, wasal ghall-konkluzjoni illi l-esponenti ma gabx provi necessarji sabiex ixejjen id-decizjoni tad-Dipartiment u ghalhekk l-appell tieghu gie respint.

Illi l-esponenti appella minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell u b'sentenza tal-istess Qorti tal-24 ta' Novembru 2003 il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-esponenti u kkonfermat id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Illi l-esponenti induna minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi l-Qorti ma kinetx sodisfatta li l-esponenti kien gab provi sufficjenti biex jirribatti d-decizjoni tad-Dipartiment tal-VAT li hija l-istess konkluzjoni li wasal ghaliha il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud izda l-esponenti jiftakar espressament illi waqt il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa kien ipprezenta *dossier* li fih kien hemm spjegazzjoni dettaljata dwar it-trahhis tal-prezzijiet u fid-*dossier* kien hemm ukoll id-dokumentazzjoni korroboranti. Jiftakar ukoll illi waqt l-istess proceduri c-Chairman tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghadda d-*dossier* lir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT sabiex ikun f'posizzjoni jwiegeb ghall-istess u l-kaz thalla ghal dan l-iskop.

Meta giet is-seduta ta' wara, saret it-trattazzjoni finali u l-kaz baqa' ghas-sentenza u mis-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm provi sufficjenti mressqa mill-esponenti. Il-Bord anke semma' li *"s-Sur Sammut (l-awditur imqabbad mill-VAT) wera anke xi dokumentazzjoni lill-Bord".* Din id-dokumentazzjoni ma

gietx ezebita u lanqas ma ntweriet lill-esponenti u ghalkemm dan kien fattur determinanti ghall-Bord, l-esponenti ma inghatax opportunita` jikkontrolla din is-suppost evidenza.

Illi wara li inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell l-esponenti ma setax jifhem kif il-Qorti tal-Appell waslet ghall-istess konkluzjoni li ma kienx hemm provi sufficjenti u dan billi, qabel ma inghatat is-sentenza mill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa kien kiteb appozitament l-istess Bord fejn staqsihom jekk id-*dossier* li kien pprezenta kienx qieghed inserit fil-*file* relattiv biex, f'kaz negattiv, ikun f'posizzjoni jerga' jipproduci kopja tieghu izda din it-talba tieghu ma gietx milqugha u ghalhekk huwa kien tal-fehma li allura d-*dossier* tieghu kien inserit.

Illi wara li inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell huwa pprova jfittex il-*file* tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mar kemm ghand l-Ombudsman u kif ukoll ghand is-Segretarju personali tal-Ministru tal-Finanzi u ma inghatax sodisfazzjon sakemm eventwalment kiteb lis-Segretarja tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u billi ma kellux risposta, cemplilha u meta kellmitu informatu li l-*file* kien gie depozitat il-Qorti.

Illi qabel dakinhar l-esponenti ma kienx jaf li l-*file* kien gie attwalment depozitat il-Qorti u mmedjatament mar il-Qorti biex jarah u eventwalment meta dan instab, huwa nduna li d-*dossier* tieghu ma kienx gie inserit fil-process u ghalhekk ta struzzjonijiet sabiex isiru proceduri ta' ritrattazzjoni izda sa dakinhar kien ghadda hafna zmien u ghalhekk permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (VAT) tad-29 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **"Edmond Barbara vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (Rikors 15/2002), it-talba ghal ritrattazzjoni giet michuda billi din kienet saret tardivament.

Illi l-esponenti jsostni illi minhabba fil-premess gew mittiefsa d-drittijiet tieghu kif sanciti fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali (Kap 319)** fis-sens illi fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili

tieghu huwa ma inghatax smigh xieraq u dan billi d-dokumenti li kienu partikolarment relevanti ghad-difiza tal-posizzjoni tieghu, ghalkemm kienu gew debitament pprezentati waqt il-process quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ma gewx konsiderati mill-Bord u lanqas sussegwentement mill-Qorti tal-Appell. Dan id-dritt ta' smigh xieraq gie anke mittiefes anke minhabba nuqqas ta' bilanc fis-smigh (*equality of arms)* billi l-Bord injora s-sottomissjonijiet tal-esponenti u ta aktar piz ghas-sottomissjonijiet tad-dipartiment tal-VAT u minhabba li gie privat minn access quddiem Qorti *stante* li ma hux permess appell fuq punti ta' fatt, il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'huwiex Qorti jew Tribunal u lanqas ma jista' jigi meqjus bhala Bord li huwa indipendenti u mparzjali taht id-disposizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 6 tal-Kap 319**.

Illi minhabba f'hekk, l-esponenti sofra pregudizzju serju konsistenti f'telf ta' rifuzjoni ta' ammont sostanzjali billi, minkejja li sussegwentement kien hemm koncessjonijiet ulterjuri li minnhom huwa bbenefika u inghata rifuzjoni ta' parti mill-ammont fuq imsemmi, xorta wahda ghad baqa' bilanc ta' Lm14,764 flimkien mal-interessi relattivi.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi gew mittiefsa d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-**artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta** billi ma inghatax smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet Civili tieghu kif fuq premess; u

2. Taghti rimedju xieraq u opportun u dan r-rimedju jinkludi li ma jkunx limitat ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta Novembru 2003 u tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tat-2 ta Lulju 2002 biex b'hekk il-kaz tal-esponenti jerga' jigi mismugh quddiem Bord jew Tribunal li jkun tali li jissodisfaw il-kweziti tal-**Kapitolu 319 tal-Ligi ta' Malta** wara li jigi accertat li d-*dossier* fuq imsemmi jigi debitament inserit fl-atti relattivi; u/jew,

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-kumpens li ghandu jkun tali li jaghmel tajjeb kemm ghal danni morali sofferti u ghal dan il-ghan l-esponenti qieghed isostni li dan m'ghandux ikun aktar minn €23,293.73 ekwivalenti ghal Lm10,000 kif ukoll ghal danni rejali rapprezentanti l-valur ta' rifuzjoni li ghandu jiehu lura flimkien mal-interessi bir-rati ta' 1% fix-xahar (l-istess rata ta' interessi li jiccargja d-Dipartiment tal-VAT) b'effett minn meta saret it-talba ta' rifuzjoni sad-data tal- pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn fol. 6 sa 76 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-seduta tad-19 ta' Gunju 2008.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud u l-Avukat Generali datata 13 ta' Gunju 2008 a fol. 82 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju fil-kaz in ezami a bazi ta' dak ikkontenut fl-**artikolu 181 B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* illi fil-kaz in ezami tharrek il-kap tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kwindi l-Avukat Generali tharrek inutilment fil-proceduri odjerni.

2. Illi *inoltre* t-talba tar-rikorrent, in kwantu tirrigwarda ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** ghandha tigi respinta *stante* illi kif huwa risaput kwistjonijiet prettament amministrattivi bhalma huwa l-obbligu tac-cittadin li jhallas it-taxxa huma espressament eskluzi mill-ambitu tal-istess **artikolu 6**. F'dan is-sens l-esponent jaghmel referenza ghall-kaz **Schouten and Meldrum vs The Netherlands,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

"*There may exist 'pecuniary' obligations vis-à-vis the State or its subordinate authorities which, for the purpose of article 6 (1), are to be considered as belonging exclusively*

*to the realm of public law and are accordingly not covered by the notion of 'civil rights' and obligations'. Apart from fines imposed by way of 'criminal sanctions', this will be the case, in particular, where an obligation which is pecuniary in nature derives from tax legislation or is otherwise part of normal civic duties in a democratic society."* (sentenza tad-9 ta' Dicembru 1994)

*3.* Ghar-rigward tal-allegazzjoni ta' nuqqas ta' '*equality of arms*', il-kaz **Dombo Beheer B. V. vs The Netherlands** il-Qorti Ewropea irriteniet illi dan il-principju jimplika li:-

*"each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case - under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponents."* (sentenza tas-27 ta' Ottubru 1993). Minn ezami tal-fatti ta' dan il-kaz, ma jidhirx li dak kollu li sehh b'xi mod jindika n-nuqqas ta' tali opportunita` u dan gie wkoll konstatat mill-Qorti tal-Appell li ezaminat il-kaz b'mod rigoruz.

4. Ghar-rigward tal-allegazzjoni li l-Bord dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'huwiex indipendenti u mparzjali, l-esponent l-ewwel nett ma jsemmix konkretament ghaliex dan huwa l-kaz, izda jinqeda b'allegazzjonijiet dubjuzi u skont l-esponenti inveritjieri biex jixhet dell fuq il-Bord. Min imkien fil-mod kif inhuwa mwaqqaf ma jirrizulta li l-Bord in kwistjoni jmur kontra d-definizzjoni ta' 'Tribunal Indipendenti u Imparzjali' li tirrizulta mill-gurisprudenza Ewropea u li Van Dijk u Van Hoof jiddistillaw fis-segwenti paragrafu:

*"The tribunal need not be 'a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country'. For the notion of 'tribunal' it is essential that there exists a power to set aside the decisions of the bodies below 'on questions of law and fact', The decision taken by the tribunal may not be deprived of its effect by a non-judicial authority to the disadvantage of the individual party."*

5. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti Edmond Barbara fejn qieghed jallega illi ma nghatax smigh xieraq quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Vat u illi gew mittiefsa d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-**artikolu 6 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta** billi ma nghatax smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-Drittijiet Civili tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda. Hawn issir referenza ghall-ewwel seduta minn tlieta quddiem il-Bord, kopja mmarkata Dok "A" fejn fit-tieni pagna l-Bord ordna lis-Sur Vella rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT biex jghaddi kopja tar-rapport li ghamel is-Sur Sammut awditur tad-Dipartiment lis-Sur Barbara kif ukoll kopja lill-Bord u aggorna s-seduta. Il-Bord talab lis-Sur Barbara biex jibghat il-kummenti tieghu bil-miktub.

6. Illi l-Bord rega' zamm it-tieni seduta fl-4 ta' Gunju 2002 u jsemmi f'pagna tnejn tad-decizjoni tieghu tat-2 ta' Lulju 2002 illi:

"l-appellant beda biex bl-ghajnuna ta' **rapport dettaljat** huwa rribatta l-punt principali tad-Dipartiment, jigifieri li l-istock tal-pjanijiet kien "trading stock" minkejja l-fatt li hafna xerrejja kienu jehduhom fuq kuntratt ta' kiri. Id-Dipartiment qal li d-dokumentazzjoni ezaminata mill-Awditur kienet tixhed mod iehor. F'dan l-istadju l-Bord ordna li **kopja** tar-rapport tal-Appellant ghandha tintbaghat lill-Awditur u li dan ghandu jattendi ghal seduta ohra li giet iffissata ghall-20 ta' Gunju 2002 (enfasi tar-rikorrenti).

7. Illi l-Bord rega' zamm seduta, l-ahhar wahda qabel ma ghadda ghad-decizjoni fl-20 ta' Gunju 2002. Fil-pagna tnejn tal-minuti ta' din is-seduta hemm imnizzel illi:

"is-Sur Vella qal illi d-Dipartiment kellu jaghmel ezercizzju semplici biex jiccekkja l-prezzijiet, dan seta' jaghmlu biss kieku kien hemm lista tal-prezzijiet.

Is-Sur Sammut qal illi s-Sur Barbara kien qallu illi ma kellux prezz fiss u li kien jirranga l-prezz skont il-kaz.

Is-Sur Barbara insista illi huwa wera li rahhas il-prezzijiet b'4.8% u dan ta prova tieghu permezz **tar-rapport li hejja. (**enfasi tar-rikorrent).

Ic-Chairman staqsa lill-appellant kif wasal ghall-persentagg tar-rohs.

Is-Sur Barbara qal illi l-persentagg hareg mill-prezzijiet li uza. Huwa qal illi huwa ghandu dokumenti li jissapportjaw ir-rapport li hejja, filwaqt li s-Sur Sammut m'ghandux.

Is-sur Sammut insista illi s-Sur Barbara kien qallu illi ma kellux *price list*.

Is-Sur Barbara qal illi kellu *price list* fuq l-iskrivanija u nsista li kien rahhas il-prezzijiet.

Wara li l-partijiet koncernati ma kellhomx aktar sottomissjonijiet x'jaghmlu, il-Bord infurmahom li kien ser jibghatilhom id-decizjoni bil-miktub." Dok "B".

Issir referenza ghal konkluzjoni tar-rapport tal-Awditur Sammut tad-Dipartiment intitolat: Stock Refund Analysis Ref. 1233-3711, fejn f'pagna sitta, fil-konkluzjoni tieghu jghid illi Edmond Barbara ma kienx elegibbli ghal rifuzjoni fuq l-istokk ghaliex fost l-ohrajn kien hemm:

*"refusal to produce additional information requested for audit purposes when he saw that the audit evidence proved that he did not qualify for a refund."*

8. Illi jirrizulta lill-Bord kemm mill-Minuti tas-seduta li zamm fl-4 u dik tal-20 ta' Gunju 2002 kif ukoll fid-decizjoni tat-2 ta' Lulju 2002 illi l-Appellant Barbara kien ipprezenta rapport, anzi fil-fehma tal-Bord dan kien "rapport dettaljat". Jirrizulta wkoll mill-atti illi l-"price list" ma gietx ipprovduta mill-appellant meta saret l-investigazzjoni mill-Awditur. Certament illi t-tort ta' dan in-nuqqas ma setax jigi imputat lid-Dipartiment meta l-Appellant jinghad fid-decizjoni *de quo* illi baqa' jinsisti li kien rahhas il-prezzijiet kif suppost u li kellu d-dokumentazjoni mehtiega biex jipprova dan il-punt meta s-Sur Sammut spjega kif huwa wasal ghall-

konkluzjonijiet tieghu u anke wera xi dokumentazzjoni lill-Bord u kkonferma lill-Bord illi hu kien hadem fuq *invoices* u kotba pprovduti lilu mill-Appellant. Illi ta' min jirrimarka illi fl-ahhar seduta fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar fit-tielet pagna s-Sur Barbara gie rrappurtat li qal illi kellu *price list* fuq l-iskrivanija waqt li nsista li kien rahhas il-prezzijiet meta s-Sur Sammut insista illi s-Sur Barbara kien qallu li ma kellux price list.

9. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi d-*dossier* li suppost ghadda lill-Bord ma kienx jinstab fil-process m'ghandhiex mis-sewwa. Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appell li rritrattat il-kaz, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Ottubru 2007, appell nru. 15/02 fl-ismijiet **Edmund Barbara vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, qalet f'pagna 3 illi:

"il-Qorti ezaminat sew il-process u jirrizultalha li fl-ittra (Dok "D") li r-ritrattand kien baghat lill-Bord fil-21 ta' Gunju 2002, cjoe` qabel ma nghatat is-sentenza tal-Bord, hu kien diga` jaf li dawn id-dokumenti ma kinux inseriti fil-*file*. Dan rega' gie kkonfermat meta nghatat is-sentenza. Ghalhekk ir-ritrattand bhala fatt ma jistax jghid li skopra li ma kienx hemm id-dokumenti fil-process f'Ottubru 2004. Anke meta ghamel l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell dan l-fatt kien maghruf ghar-ritrattand kif jirrizulta mir-rikors tal-Appell." Tkompli l-Qorti:

"F' dan il-kaz jirrizulta li r-ritrattand kien ilu jaf bin-nuqqas tad-dokumenti hafna qabel Ottubru 2004."

"Il-Qorti tirrileva li meta r-ritrattand jghid li ma sabx id-dokumenti fil-process tal-Qorti ma jiffisrx necessarjament li dawn id-dokumenti ma kienux disponibbli ghall-Bord jew li ma hax konjizzjoni taghhom. Imkien fil-minuti tas-seduti u decizjoni tal-Bord ma gie verbalizzat li dawn id-dokumenti ma kienux disponibbli ghall-Bord."

Illi minn ezami akkurat ta' dak li gara quddiem il-Bord meta sema' l-kaz in ezami ma jistax jinghad kif qieghed jallega r-rikorrenti fil-paragrafu 10 tar-rikors tieghu, illi dan id-dritt ghal smigh xieraq gie anke mittiefes minhabba nuqqas ta' bilanc fis-smigh (*equality of arms*) billi l-Bord

injora s-sottomissjonijiet tal-esponenti u ta aktar piz ghas-sottomissjonijiet tad-dipartiment tal-VAT. Illi kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta' Novembru 2003, f'pagna 4, illi:

"Huwa evidenti fil-kaz in diskussjoni illi ghall-Bord l-appellanti naqas li jiddisimpjega ruhu mill-oneru (tal-prova) hekk inkombenti fuqu. Dan hu hekk tradott minn dik il-parti tad-dispositiv tal-gudikat li ssostni illi "l-appellant ma gabx il-provi necessarji sabiex ixejjen id-decizjoni tad-Dipartiment."

F' pagna 6 l-Qorti tal-Appell tkompli:

"Jidher *inoltre* li l-Bord ghamel evalwazzjoni kompleta tal-fatti kollha li rrizultaw provati biex wasal ghall-apprezzament tieghu. Jekk ma wasalx biex jikkonvinci ruhu illi l-appellant ma kienx irnexxielu jiskarika l-oneru tal-prova fuqu dan ma jfissirx illi ghaldaqshekk is-sentenza tiddifetta jew li hi logikament vizzjata. Ghall-kuntrarju, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, id-decizjoni appellata fiha bizzejjed indikazzjonijiet illi l-Bord ghamel ezami sew u apprezzament gust tal-provi li kellu quddiemu."

Tikkonkludi f'pagni 7-8 illi:

"...kif jemergi mill-minuti tas-seduti quddiem il-Bord l-appellant *nonostante* li gie moghti kull opportunita` li jispjega l-posizzjoni tieghu, naqas li jiddisimpjega l-oneru impost fuqu mill-istess ligi u jipproduci dawk il-provi ghas-sodisfazzjoni u konvinciment tal-Bord."

Illi r-rikorrent ikompli jilmenta li gie pprivat minn access quddiem Qorti *stante* li ma hux permess appell fuq punti ta' fatt bil-ligi tal-VAT. Huwa minnu illi l-ligi fl-**artikolu 47 (1) tal-Kap 406** tistipola illi kull wahda mill-partijiet ta' appell jew referenza lill-Bord, li thossha aggravata b'decizjoni ta' dak il-Bord, tista' taghmel appell minn dik id-decizjoni ghal quddiem il-Qorti tal-Appell fuq kull punt ta' ligi biss b' rikors. Fis-subartikolu (2) jinghad illi l-Bord (Il-Bord tar-Regoli) imwaqqaf bis-sahha tal-**artikolu 29 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jista'

jaghmel regolamenti li jirregolaw l-appelli li jsiru taht dan l-artikolu. Ma jfissirx illi ghax persuna jew id-Dipartiment ma jistghux jappellaw fuq fatti b'daqshekk id-drittijiet taghhom ghal smigh xieraq gew lezi. Il-legislatur dehrlu illi kellu jillimita l-appelli quddiem dawn it-Tribunali teknici ghal punti ta' ligi biss. Dan jaghmel sens billi kieku kellhom jinstemghu appelli fuq fatti kieku l-Qrati tal-Appell jeghrqu b'kawzi dwar fatti. Jaghmel sens illi t-tribunali li huma specjalizzati li jiddeciedu b'kompetenza u b'teknikalita` specjali dawn il-kazijiet huma kompetenti biex jisimghu appelli biss dwar punt ta' ligi. Dan ma jffissirx illi b'daqshekk id-drittijiet ta' xi wahda mill-partijiet jigu ppregudikati quddiem il-Bord.

Ir-rikorrenti attakka wkoll l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Bord taht l-**artikolu 6 tal-Kap 319. L-artikolu 45 tal-Kap 406** jaghmel referenza ghat-twaqqif tal-Bord tal-Appelli tal-VAT. Id-Disa' Skeda titkellem dwar il-kompozizzjoni u l-kompetenza tal-Bord. Bord hu mahtur ghal tliet snin u ghandu *security of tenure*, id-Disa' Skeda, partita 1 (3). Japplikaw ukoll id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 733 sa 739 tal-Kap 12** dwar ir-rikuza ta' mhallef ghall-membri tal-Bord. Illi ma hemmx dubju illi l-Bord huwa Tribunal imwaqqaf b'ligi kif jesigi l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.** Ma hemmx dubju wkoll illi huwa Tribunal imparzjali *ai dettami* tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Ghalhekk din l-allegazzjoni ghandha tigi skartata.

10. Illi kwantu ghall-allegazzjoni illi r-rikorrenti sofra pregudizzju ta' ammont ta' rifuzjoni fl-ammont ta' Lm14,764 flimkien mal-interess relattivi ma jfissirx illi dan huwa xi tort imputabbli ghall-intimat Kummissarju. Kif qal il-Bord u kif ikkonfermaw il-Qrati, kien ir-rikorrent illi ma skarikax l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqu skont il-ligi.

Illi kwantu ghat-tieni talba tar-rikorrenti illi ghandu jinghata rimedju u cjoe` illi thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Novembru 2003 u dik tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tat-2 ta' Lulju 2002 quddiem Bord illi jissodisfa l-kweziti tal-**Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta** u li d-*dossier* imsemmi mir-rikorrenti jigi inserit fl-atti

relattivi ghandha tigi michuda billi din l-allegazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi kwantu ghat-tielet talba tar-rikorrenti din l-Onorabbli Qorti ghandha ukoll tirrispingieha stante illi l-esponenti m' ghandu jhallas l-ebda danni kemm morali kif ukoll rejali versu r-rikorrenti u ghandha joghgobha tikkonferma s-sentenza surreferita u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 87 sa fol 98 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Novembru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karmenu Grima ghall-intimati u Dr. Theuma ghall-intimat Avukat Generali. Prezenti r-rikorrenti Edmond Barbara. Posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher ukoll Dr. Peter Borg Costanzi li talab li jigi allegat il-process fl-ismijiet premessi quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri deciz 24 ta' Novembru 2003 u *stante* li ma kienx hemm opposizzjoni l-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2010 id-difensuri qablu li l-provi kienu konkluzi u gew moghtija l-fakolta' li jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet relattivi b'dan li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2010.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Edmond Barbara datata 29 ta' Lulju 2010 a fol. 206 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali datata 3 ta' Settembru 2010 a fol 236 tal-process.

Rat il-process allegat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet premessi deciz fl-24 ta' Novembru 2003 u r-ritrattazzjoni tal-istess deciza bis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn ir-rikorrenti qed isostni li huwa kien esebixxa dokumenti quddiem il-Bord dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Bord) (Dok. “D”) fil-kaz fl-ismijiet “Edmond Barbara 1233-3711) (Kaz. Numru 97/00) vs. Il-Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud” li effettivament ma gewx ikkonsidrati mill-istess Bord u dan ir-rikorrenti ma kienx konoxxenti tieghu meta inghatat id-decizjoni mill-Bord, izda nduna bih biss wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet premessi fl-24 ta’ Novembru 2003 proprju ghaliex fl-istess decizjoni inghad li r-rikorrenti ma kienx ressaq provi sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu. Dan gieghel lir-rikorrenti jaghmel il-verifiki tieghu fil-process attwali u sab li fil-process li kien hemm quddiem l-istess Bord u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell l-istess rapport jew *dossier* minnu ndikat u esebit fil-fatt ma kienx hemm jew ahjar ma kienx fil-process disponibbli lill-Bord. Ghalhekk huwa ghamel kawza ta’ ritrattazzjoni li huwa tilef peress li kien skada t-terminu sabiex issir tali procedura, terminu li kien jghaddi mid-data tas-sentenza tal-appell u dan kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet premessi datata 29 ta’ Ottubru 2007 u ghalhekk minhabba l-premess ir-rikorrenti ghamel dan ir-rikors kostituzzjonali fejn qed jallega li gew mittiefsa d-drittijiet tieghu kif sanciti fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali (Kap 319)** fis-sens illi fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu huwa ma inghatax smigh xieraq u dan billi d-dokumenti li kienu partikolarment relevanti ghad-difiza tal-posizzjoni tieghu, ghalkemm kienu gew debitament ipprezentati waqt il-

process quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ma gewx konsiderati mill-Bord u lanqas sussegwentement mill-Qorti tal-Appell. Dan id-dritt ta' smigh xieraq gie anke mittiefes minhabba nuqqas ta' bilanc fis-smigh (*equality of arms)* billi l-Bord injora s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti u ta aktar piz ghas-sottomissjonijiet tad-dipartiment tal-VAT u minhabba li gie privat minn access quddiem Qorti *stante* li ma hux permess appell fuq punti ta' fatt, il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'huwiex Qorti jew Tribunal u lanqas ma jista' jigi meqjus bhala Bord li huwa indipendenti u mparzjali taht id-disposizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 6 tal-Kap 319**.

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti qed irressaq tlett lanjanzi: (i) li d-dokumenti li gewipprezantati minnu ma gewx effettivament ikkonsidrati mill-Bord u sussegwentement mill-Qrati u dan ghaliex ma gewx ghal xi raguni inseriti fil-process; (ii) li l-istess rikorrenti gie pprivat minn access lejn il-Qorti, ghaliex huwa seta` jappella biss fuq punt ta' ligi u mhux punt ta' fatt; u (iii) li l-imsemmi Bord ma huwiex indipendenti u imparzjali.

Illi dwar l-ewwel lamentela tar-rikorrenti jirrizulta lil din il-Qorti li effettivament ir-rikorrenti kien ipprezenta r-rapport flimkien ma' *dossier* u diversi dokumenti li huma fil-proceduri odjerni esebiti bhala Dok. “D” (fol. 18 sa 76; Dok. “EB 3” – fol. 113 sa fol. 116) tal-process, bir-rapport datat 17 ta' Mejju 2002. Jirrizulta li r-rikorrenti kien esebixxa dawn id-dokumenti quddiem il-Bord fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2002. Dan ir-rapport gie mghoddi mill-Bord lir-rapprezentant tad-Dipartiment biex tinghata kopja tieghu lill-awditur tal-istess dipartiment tal-Vat u l-kaz gie aggornat ghal 20 ta' Gunju 2002.

Illi f'din is-seduta li fiha deher l-Awditur Peter Sammut li kien qed jassisti lill-Bord jidher li ghalkemm ir-rikorrenti ghamel riferenza ghad-dokumenti esebiti minnu, jirrizulta llum li dawn l-istess dokumenti ma kienux gew a konoxxenza tal-istess awditur, ghalkemm f'dak il-mument kien hemm dubju dwar dan peress li d-dokumenti li l-istess awditur kien irrefera ghalihom ma kienux gew

identifikati u wisq inqas murija lir-rikorrenti (Dok. “B” – fol. 91). Dan huwa wkoll ikkonfermat mid-decizjoni tal-Bord tat-2 ta’ Lulju 2002 fejn jinghad “*Is-Sur Sammut spjega kif huwa kien wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu u wera anke xi dokumentazzjoni mehtiega biex jipprova dan il-punt”* (fol. 7), izda fil-verita’ jidher li l-istess rikorrenti ma kellux access ghall-istess dokumenti u lanqas hemm riferenza ghal liema dokumenti l-istess Bord kien qed jirreferi.

Illi jidher li l-istess rikorrenti assuma li d-Dok. “D” minnu pprezentat kien disponibbli ghall-istess awditur u allura anke lill-Bord ghaliex huwa naturali li la darba tali dokument gie esebit dan kellu jkun fil-*file*, izda r-rikorrenti mar oltre minhekk ghaliex sabiex ikun cert li tali *dossier* ikun fil-*file* tal-Bord qabel ma tinghata d-decizjoni mill-Bord huwa kiteb f’dan is-sens fil-21 ta’ Gunju 2002 lill-Bord sabiex jaccerta ruhu li tali dokument (Dok. “EB 4” – fol. 117) ikun quddiem il-Bord.

Illi jirrizulta li minkejja dan jidher li nghatat id-decizjoni mill-istess Bord datata 2 ta’ Lulju 2002 minghajr ma l-Bord ma ha konjizzjoni tal-istess rapport jew inkartament esebit mir-rikorrenti. Jirrizulta li fl-appell li sar quddiem il-Qorti tal-Appell il-process li gie allegat quddiem l-istess Qorti kien il-*file* relattiv tal-appell quddiem il-Bord minghajr l-istess dokumenti annessi mal-ittra (minn fol. 22 sa fol. 76), tant li llum f’din il-kawza u procedura odjerna l-awditur Joseph Sammut xehed fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2010 f’dan is-sens u kkonferma l-istess. Ovvjament fis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell dan il-punt ma qamx peress li r-rikorrenti kien ghadu ma indunax, (u fil-verita’ lanqas seta` jinduna) li tali dokumenti ma kienx rahom l-awditur Joseph Sammut u lanqas kien fil-process quddiem il-Bord, u dan huwa iktar serju meta jidher li l-istess Bord ibbaza l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tieghu fuq dak li qallu l-istess Awditur, specjalment fuq l-investigazzjonijiet teknici dwar il-mertu tal-kaz u ghalhekk la darba dan il-punt ma tqajjimx u ma setax jitqajjem, il-Qorti tal-Appell imxiet biss fuq il-fatti quddiemha, u bhala Qorti li quddiemha jistghu isiru biss appelli fuq punt ta’ dritt, naturalment halliet id-diskrezzjoni u d-deteminazzjoni tal-fatti ghall-istess Bord, u sabet li ma kienx hemm punt

ta'dritt. Fi kwalunkwe kaz jidher li l-Qorti tal-Appell ma ratx l-istess dokumenti, u lanqas kellha appell ibbazat fuq il-punt li l-dokumenti esebiti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ma kienux inhadu konjizzjoni taghhom lanqas quddiem il-Bord, li kien iwassal ghal punt ta' dritt, proprju ghaliex ir-rikorrenti sa dak il-hin ma kienx konxju ta' dan il-fatt; fil-kawza ta' ritrattazzjoni baqghet l-istess problema fis-sens li tali punt ma kienx konsidrat ghaliex l-unika punt li gie deciz kien li r-ritrattazzjoni saret tardiva peress li giet istitwita wara t-tlett xhur mid-data tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2003.

Illi fid-dawl ta' dan jirrizulta li ghalhekk u effettivament l-istess Bord, u l-Qorti tal-Appell qatt ma kkonsidraw id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti mal-ittra datata 17 ta' Mejju 2002 u huwa fid-dawl ta' dan li ghandu jigi deciz jekk dan jammontax ghan-nuqqas ta' smigh xieraq.

Illi a propositu **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

*(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:-*

*(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess………..".*

*(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u jottjenti l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur*

*tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu".*

Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smigh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici fid-determinazzjoni ta' drittijiet civili u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi fis-sentenza "**Domenico Savio Spiteri vs A.G. et**" (Rik. Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza **"St. Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu nghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*"Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa' tant li nghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)".**

*Inoltre* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"** (P.A. (VGD) – 28 ta' Dicembru 2001 fejn inghad li:-

*"Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm smigh xieraq".*

Illi l-istess indikat awtur fuq imsemmi jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal*

*opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands***", 27 ta' Ottubru 1993)".*

Illi jibda biex jinghad li l-kaz odjern li kien jittratta dwar talba ta' rifuzjoni u hlas lura ta' taxxa tas-sisa fuq hazniet kummercjali jinkwadra ruhu bhala decizjoni dwar drittijiet civili u obbligi li ghalihom japplika l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u l-kaz **"Shouten vs Meldrum"** (ECtHR - 5 ta' Novembru 1995) kien kaz differenti ghaliex semma' *obiter dictum* l-obligazzjoni li jithallsu *"criminal fines"* li jithallsu konsegwenti ghal ligi dwar it-taxxa, u dan certament mhux il-mertu tal-kaz odjern (ara **P. van Dijk & G.J.H van Hoof – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – Third Edition –** fol. 401). Hawn issir riferenza ghas-sentenza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Clayton Communications Company Limited vs L-Onor. Prim. Ministru et"** fejn jirrizulta li meta l-ilment huwa dwar smigh xieraq u access lejn il-Qorti tali eccezzjoni bhal dik imqajma mill-intimati ma hijiex fondata u dan anke fuq l-iskorta tas-sentenza tal-istess Onorabbli Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Pig Breeding Company Limited vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni"** (6 ta' April 2006); **"Anthony Frendo vs Avukat Generali et"** (30 ta' Novembru 2001); u **"Vincent Cilia vs Prim Ministru et"** (28 ta' Jannar 2005). Dan ghaliex ghalkemm l-imposizzjoni u l-hlas ta' taxxi mill-Istat hu essenzjalment

oneru purament fiskali u ghalhekk obbligu li m'ghandux jigi kwalifikat bhala *civil rights and obligations, "Mill-banda l-ohra fl-ezercizzju tal-istat li jimponi t-taxxi u jezigi l-hlas taghhom, hu kellu josserva l-harsien tal-jeddijiet ohra, fosthom dawk protetti mill-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, inkluz li jkun hemm bazi legali ghalihom, u li jkunu uzati ghall-iskop li ghalih l-Istat ikun inghata l-poter li jezigihom. Dan ifisser li f'materja ta' tassazzjoni l-operat ta' l-Istat mhiex kompletament eskluza. Ghalhekk filwaqt illi l-Qorti ma kellhomx dritt li jissindakaw, bhala regola, l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'ligi, dan ma jfissirx li cittadin ma kellux l-jedd biex jivverifika illi l-ligi tkun giet applikata sewwa fil-konfront tieghu".*

*"Fil-kaz in ezami l-ligi tal-VAT tipprovdi ghall-mekkanizmu biex taxpayer ikun jista' jivverifika li l-ligi qed tigi amministrata korrettement fil-konfront tieghu, u senjatament l-Att relattiv jaghtih id-dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli, kif ukoll f'certi kazijiet, id-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell, fuq punt ta' ligi biss. Ghalhekk la darba l-ligi taghtih dan id-dritt ta' access ghal Tribunal kwazi gudizzjarju u gudizzjarju rispettivament, isegwi li huma applikabbli wkoll il-garanziji kollha, fosthom dawk ghal smigh xieraq u access ghall-Qorti. Tali dritt ta' access huwa, ghalhekk, fih innifsu privat, b'mod li l-garanziji msemmija ghandhom japplikaw".* Kull kumment iehor huwa superflu u ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti thoss li b'dak li gara, l-istess rikorrenti gie ppregudikat fl-istess proceduri kollha peress jirrizulta li dak li huwa taht ezami huwa l-fatt li l-Bord u l-Qrati l-ohra imsemmija ma hadux konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mir-rikorrenti u dan meta l-istess dokumenti kienu essenzjali ghas-sottomissjoni tar-rikorrenti u dan ghaliex bih kien qed jittenta jissodisfa l-oneru ta' prova fuq l-allegazzjonijiet tieghu impost fuqu skont kif provdut fl-**artikolu 4.2 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406**).

Illi din il-Qorti thoss li bil-mod kif giet kondotta l-procedura quddiem l-istess Bord fejn dan ma hax konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mir-rikorrenti, bil-konsegwenza li kemm l-Awditur imqabbad mill-Bord u kemm l-istess Bord innifsu ma hadux konjizzjoni tal-istess dokumenti esebiti mir-rikorrenti u f'dawn il-proceduri immarkati bhala Dok. "D", holoq pregudizzju kontra r-rikorrenti biex jaghmel id-difiza xierqa tieghu u dan kien iktar ta' zvantagg meta l-piz ta' prova kienet tispetta lilu. Jirrizulta li l-istess Bord injora l-istess dokumenti meta r-rikorrenti specifikatament attira lill- Bord ghal dan l-aspett anke qabel id-decizjoni tal-istess Bord, izda l-imsemmi Bord ghal xi raguni jew ohra injora din it-twissija datata 21 ta' Gunju 2002 (Dok. "EB4" – fol. 117), u mhux biss ma tax risposta ghall-istess izda minn fuq ikkonkluda li r-rikorrenti naqas li jissostanzja l-kaz tieghu billi ma pproduciex dokumenti korroborattivi. Certament li f'dan il-kaz jirrizulta allura li hemm ksur tal-principju ta' *audi alteram partem* u wkoll ta' *"equality of arms"* peress li l-provi tar-rikorrenti gew injorati u mhux konsidrati fill-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-Bord u dan irendi l-istess procedura quddiem il-Bord bhala lesiva tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti.

Illi s-sitwazzjoni baqghet l-istess quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri, u dan ghaliex l-istess appell gie trattat fuq il-bazi tar-rizultanzi tal-istess Bord fid-decizjoni tieghu, u dan minghajr ma hadd ma nduna sa dak il-mument, li d-dokumenti li l-istess rikorrenti kien qed jibbaza fuqhom ma kienux fil-process, u b'hekk anke hawn l-istess rikorrenti ma kellux smigh xieraq. Din il-Qorti thoss ukoll li kien biss wara l-istess sentenza u in vista ta' dak li inghad fl-istess decizjoni dwar l-allegat nuqqas tieghu li jressaq il-provi tieghu, li r-rikorrenti nduna u seta` jinduna li d-dokumenti minnu esebiti ma kienux disponibbli ghall-Qorti, u ghalhekk huwa attwalment ma kellux rimedju xieraq disponibbli ghalih quddiem l-istess Qorti, li bl-ebda mod ma jidher li vverifikat id-dokumenti esebiti quddiemha, proprju ghaliex dan il-punt kien ghadu ma tqajjimx. Is-sitwazzjoni fil-kaz ta' ritrattazzjoni kienet gja pregudikata peress li hemm kull ma gie deciz kien biss meta saret ir-ritrattazzjoni, u ghalhekk effettivament ir-rikorrenti ma kellu ebda rimedju u kien kostrett jistitwixxi din il-

procedura ta’ natura kostituzzjonali u b’hekk din il-Qorti thoss li kien hemm ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq tar-rikorrenti protett skont l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u b’hekk l-ewwel talba qed tigi milqugha.

Illi f’dan is-sens huwa relevanti dak li jinghad minn **van Dijk, van Hoof, van Rijn & Zwak** fil-ktieb **“Theory and Practice of the European Convention of Human Rights”** (4th Edition 2006 – pagna 580 – 584) u cjoe:-

*“The Principle of ‘equality of arms’, …. Is closely connected to the right of adversial proceedings……..”*

*“The right to adversial proceedings entails in principle for the parties to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed, even those coming from an independent member of the national legal service. It may be deduced from the extensive case law that it is immaterial whether a person has chosen not to be legally represented, whether the documents or observations in issue are important for the outcome of the proceedings, whether the ommision to communicate the document in issue had caused any prejudice, or whether the observations present any fact or agreement which already appeared in the impugned decision. It is a matter for the parties to assess whether a submission deserves a reaction”.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-*dossier* kien prezentat fl-4 ta’ Gunju 2002 u dan inghata lid-Dipartiment tal-VAT tant li Albert Galea hadem fuqu, il-kaz gie differit ghal 20 ta’ Gunju 2002 u jidher li dak in-nhar l-istess *dossier* u dokumenti ma kienux gew ritornati lill Bord issa kif qed jirrizulta minn din il-kawza; r-rikorrenti kiteb fil-21 ta’ Gunju 2002 sabiex jigi accertat li qabel is-sentenza l-istess *dossier* ikun a disposizzjoni tal-Bord, izda din il-korrispondenza giet injorata bir-rizultanzi fuq indikati u ghalhekk din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar l-ewwel lamentela tieghu kif minnu spjegati fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu datata 29 ta’ Lulju 2010 (fol. 209) u ghalhekk din l-ewwel talba kontenuta fir-rikors tieghu qed tigi milqugha.

Illi stabbilit dan, din il-Qorti thoss li ma hemmx bzonn tidhol fit-tieni u t-tielet lamentela ghalkemm izzid tghid li din il-Qorti thoss li kien hemm dritt ta' access ghall-Qorti anke f'dan il-kaz ghaliex kieku xi hadd induna li tali dokumenti ma kienux fil-process dan fih innifsu kien jammonta ghal punt ta' dritt quddiem il-Bord appellabbli quddiem il-Qorti tal-Appell. Mela id-disposizzjoni kif kienet ma mpediet bl-ebda mod li tali punt kieku tqajjem jigi deciz mill-Qorti tal-Appell. Il-punt huwa li tali aggravju ma qamx ghaliex hadd ma nduna bih f'dak l-istadju u allura tali punt ma setax jitqajjem, izda din il-Qorti thoss li l-fatt biss li hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta' dritt fic-cirkostanzi tal-kaz ma jmurx kontra d-dispost tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni.** Dwar it-tielet lamentela din il-Qorti thoss li din hija bla bazi peress li ma jirrizultax li tali Bord mhux indipendenti u mparzjali anke jekk il-Membri tieghu gew mahtura mill-Ministru koncernat, u dan peress li l-istess Ministru bl-ebda mod ma jindahal fit-tmexxija tal-procedura u fid-decizjonijiet minnhom moghtija *qua* Bord u fil-fatt l-posizzjoni taghhom hija salvagwardata ghall-perjodu tan-nomina skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 46 (3) u (4) tal-Kap. 406** li jaghmlu wkoll riferenza ghall-**artikoli 733 sa 739 tal-Kap. 12.**

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li nghad mill-istess **van Dijk, van Hoof, van Rijn & Zwak** fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention of Human Rights"** (1998 – pagna 451) fis-sens li:-

*"The Tribunal need not be a 'court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country'. For the notion of 'tribunal' it is essential that there exists a power to set aside decisions of the bodies below 'on questions of law and fact'. The decision taken by the tribunal may not be deprived of its effect by a non-judicial authority of the disadvantage of the individual party".*

Illi fid-dawl ta' dak hawn deciz l-ewwel talba allura qed tigi milqugha u it-tieni talba qed tigi milqugha biss fis-sens li

qed jigu mhassrin id-decizjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud tat-2 ta' Lulju 2002 u tal-Qorti tal-Appell datata 24 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet premessi, b'dan li l-kaz qed jerga jigi rimandat quddiem il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud sabiex jerga jigi trattat u deciz il-kaz , wara li jigi accertat li d-*dossier* fuq imsemmi Dok. "D" bid-dokumenti kollha tieghu jigi inserit fl-atti kollha relattivi b'mod li l-Bord jiehu konjizzjoni tieghu u b'mod ukoll li r-rikorrenti jkollu access ghal kull dokumentipprezentat quddiem il-Bord u jkun jista' jaghti l-osservazzjonijiet tieghu dwar l-istess.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti thoss li dan huwa rimedju adegwat u t-tielet talba mhux qed tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati datata 13 ta' Gunju 2008 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad it-tielet talba tar-rikorrenti, **tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 4 ta' Gunju 2008 fis-sens biss hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi gew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-**artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta** billi ma inghatax smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet Civili tieghu kif hawn deciz; u

2. Taghti rimedju xieraq u opportun u dan ir-rimedju jikkonsisti billi qed jigu mhassra d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta Novembru 2003 u tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tat-2 ta Lulju 2002 biex b'hekk il-kaz tal-esponenti jerga' jigi mismugh quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud wara li jigi accertat li d-*dossier* fuq imsemmi Dok. "D" bid-dokumenti kollha tieghu jigi nserit fl-atti kollha relattivi b'mod li l-Bord jiehu konjizzjoni tieghu u b'mod ukoll li r-rikorrenti jkollu access ghal kull dokument ipprezentat quddiem il-Bord u

jkun jista' jaghti l-osservazzjonijiet tieghu dwar l-istess skont il-ligi u l-kaz jigi deciz skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------